TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NUMRU 2318

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

Kaz Numru: 2737/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Zorica Stevanovic

U

MCUK Limited

Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 23 t'Ottubru, 2014

**PRELIMINARI**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversament kompost, permezz ta' nota datata 25 ta' Novembru 2009 fejn gie allegat li saret tkeccija ingusta. Il-kumpannija intimata ddikjarat illi t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Zorica Stevanovic saret ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi stante illi wettqet diversi nuqqasijiet fil-kors tal-impjieg taghha u inghatat tliet twissijiet sakemm kienet kostretta tittermina l-impjieg.

Ir-rikorrenti permezz tal-istqarrija preliminari taghha ddikjarat li kienet impjegata bhala store manager b'kuntratt ghal zmien definit mis-26 ta' Frar 2009 u dan kien kuntratt back to back ma' kuntratt iehor li kien beda f'Jannar 2008. Iddikjarat li fis-27 ta' Lulju 2009 tkecciet sommarjament minghar raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

**PROVI**

Nicholas Spiteri Paris, General Manager tal-Kumpannija xehed li l-kumpannija tieghu hija *joint venture* bejn Salvu Grima u VF Group of Companies, u MCUK, ma' min kienet tahdem Ms. Stevanovic kienet il-kumpannija tat-tessuti u l-moda. Ms. Stevanovic kienet seconded mal-kumpannija tas-Sur Spiteri Paris, go *retail outlet* fil-Malta International Airport, French Connection. Hi kienet tahdem bhala sales supervisor. Mistoqsi x'wassal ghat-tkeccija taghha spjega li bhala kumpannija bdew joperaw mill-Malta Airport f'Mejju 2009 fi zmien li Ms. Stevanovic kienet seconded maghhom sabiex thaddem l-operat tal-hanut bir-responsabbilta` principali taghha tkun dik li zzid is-sales u supervizjoni generali tal-hanut. Hi kienet ukoll responsabbli min-nies assenjati maghha bhala *sales people*. L-ewwel incident ma' Ms. Stevanovic sehh fit-13 ta' Lulju 2009 waqt *cash inspection* li kien ghamel hu flimkien ma' Adrian Caruana fejn sabu li kien hemm nuqqas ta' ghaxar ewro fil-cash. Irrizulta li Ms. Stevanovic kienet isselfet dawn il-flus, haga li kienet tmur kontra l-proceduri stabbiliti mill-kumpannija u hemm hargulha l-ewwel twissija bil-miktub. Fl-14 ta' Lulju l-impjegata dahlet tard ghax-xoghol, xi haga li kienet grat iktar minn darba u ghalhekk kienu ghamlu rapport. Fil-11 ta' Lulju din ukoll kienet dahlet tard b'sebgha u tletin minuta u fl-14 ta' Lulju hi dahlet tmienja u erbghin minuta tard u ghaldaqstant hargulha t-tieni warning. Meta hi dahlet tard kienet hi responsabbli biex tiftah il-hanut. Fit-23 ta' Lulju hi fethet il-hanut siegha u zewg minuti tard. L-obbligu tal-kumpannija mal-Malta Airport kienet li dawn dejjem ikunu miftuhin mas-sitta ta' filghodu, fin-nuqqas ta' dan seta' jkun hemm penali pero` f'dawn il-kazijiet qatt ma ingibdet l-attenzjoni tal-kumpannija min-naha tal-Malta Airport. Wara l-ewwel twissija u cjoe` wara l-kaz tal-ghaxar ewro, hi rritornathom mill-ewwel wara li nharget it-twissija. It-twissijiet inhargu minhabba li hi, bhala l-persuna responsabbli mill-haddiema l-ohra, kienet qed taghti ezempju hazin lill-haddiema l-ohra. Fil-25 ta' Lulju 2009 hija kienet inkarigata sabiex tbiddel l-istokk tal-hanut u dan kellu jsehh matul il-lejl sabiex ma jxekkilx il-bejgh mill-hanut. Dakinhar hi kienet dahlet tard u halliet lill-haddiema l-ohra jistennew pero` dwar dan Adrian Caruana li kien hemm dak inhar seta' jaghti aktar dettalji. Milli gie rrapurtat lix-xhud, dakinhar Ms. Stevanovic ikkunsmat alkohol fuq il-post li tmur anke l-kuntratt li l-kumpannija kellha mal-Malta International Airport fejn huwa stipulat li l-ebda persuna li ggorr security tag ma tista' tikkonsma alkohol u azzjoni tista' tittiehed kontra din il-persuna u min ihaddimha mill-ufficcju tas-sigurta` fi hdan id-dipartiment tal-avjazzjoni civili. Il-fatt li Ms. Stevanovic ikkunsmat l-alkohol gie rrapurtat verbalment min-nies li kienu qed jahdmu dak l-istess lejl maghha. Hu u HR Adminsitration Clerk, Stefania Farrugia u Michelle Vassallo, Direttur iltaqghu ma' Ms. Stevanovic it-Tnejn ta' wara sabiex ikellmuha dwar it-twissijiet. Dahal ukoll rapport iehor minn Marianne Chircop, *visual merchandiser* mill-VF, minhabba li kellhom jaghmlu l-bidla fl-istokk mill-gdid minhabba li din ma kinitx saret kif suppost u dan kellu jsir waqt il-hinijiet tal-ftuh tal-hanut. Ghall-meeting tat-Tnejn Ms. Stevanovic waslet ukoll tard u hemm ipprezentawlha l-ittra ta' tkeccija. Is-Sur Spiteri Paris xehed li komunikazzjoni bejnu u Ms. Stevanovic kienet spissa anke minhabba certu attegjament illi hi kellha mal-haddiema per ezempju jekk haddiema tizbalja l-prassi tal-kumpannija kienet li tingibed l-attenzjoni barra l-hanut jew waqt laqgha u mhux quddiem haddiema ohra gol-hanut waqt li x-xoghol ikun ghaddej bir-riskju li jkun hemm xi xenata. Kien hemm incident bejn Zorica u xi tfajla fejn Zorica kienet dahlet u bdiet tghajjat mal-haddiema bir-rizultat li din telqet mill-hanut. Hu xehed li dakinhar hu kien Ghawdex fuq xoghol u kellu jinzel Malta sabiex jirrizolvi din is-sitwazzjoni. Qabel ma nhargu twissijiet dejjem iddiskuta dan ma' Michelle u Clyde Micallef li huma l-management committee f'isem id-diretturi. Is-Sur Spiteri Paris ipprezenta dokumenti jissostanzjaw ix-xhieda tieghu.

Xehed Adrian Caruana, Administrator Co-Ordinator. Xehed li darba kien ghamel lejl *replenishment* ta' hanut ma' Zorica Stevanovic. Replenishment ta' hanut hija l-bidla tal-istokk minn tax-xitwa ghal tas-sajf. Kienu ghamlu minn xi l-ghaxra ta' bil-lejl sal-hamsa ta' filghodu jaghmlu dan ir-replenishment. Dak inhar id-diretturi kienu gew infurmati li hi kienet hadet xi drinks waqt li kienet fuq il-hin tax-xoghol. Hu kien prezenti u hu ma rahiex tiehu d-drink pero` kien prezenti meta hi qalet lil Andrea Proda, wahda mill-impjegati, li sfat imkeccija minhabba drink taghha.

Zorica Stevanovic tat ix-xhieda taghha bil-lingwa Ingliza. Giet murija l-ktieb tal-handover tal-24 u 25 ta' Lulju 2009 u xehdet li kien hemm Bacardi slash coke. Qalet li kieku ordnajt xi drinks jien mhux ha niktibha. Xehdet li hi u t-tfajliet l-ohra kienu jiktbu fuq il-ktieb u li sa certu punt hi kienet responsabbli mill-hanut. F'dan il-ktieb huma kienu jnizzlu x'hin jidhlu, l-hinijiet tax-xoghol, min hu xoghol dak inhar, jekk hemmx xi handover li ghandu jsir, jekk hemmx bzonn xi replenishment jew hemmx xi *customer relations* li ghandhom bzonn jiehdu hsieb. Il-ktieb m'ghandhux jintuza ghal ordnijiet ta' *drinks*. Stevanovic xehdet li l-politika tal-kumpannija dwar il-konsum tal-alkohol ma kinitx taf x'inhi u dan minhabba l-fatt li hi darba hadet *drink* waqt il-hin tax-xoghhol ma' zewg diretturi. Xehdet li dak inhar ta' bejn l-24 u l-25 hi ma kkunsmatx alkolhol fuq il-post. Jekk xi darba gie kkunsmat xi alkohol dan sar fiz-zona ta' tipjip li hija l-barra mill-post tax-xoghol. Hi xehdet li kienet taf il-politika tal-kumpannija dwar iz-zamma tal-hin u li qatt ma kien hemm ftehim maghha li hi kienet responsabbli sabiex tiftah u taghlaq il-hanut. Il-pozizzjoni taghha skont il-kuntratt kienet ta' shop manager u kienet ilha tahdem hemm minn April 2009 u tkecciet erbgha xhur wara dan. Fil-bidu kien hemm xi hames jew sitt impjegati u dawn kienu jirrappurtaw lilha u lil Nick Spiteri u meta Nick Spiteri kien ikun bil-*leave* kienu jirrappurtaw lilha. Xehdet li hi kienet ukoll responsabbli ghat-tahrig tal-haddiema, ghat-*timetable* u r-*rosters* u qatt ma stenniet li ha tkun go post ta' zewg metri b'metru tahdem wehidha ghax dak mhuwiex pozizzjoni manigerjali u li meta Nick Spiteri rega' lura x-xoghol dak kollu li kien ir-responsabbilta` taghha ittihdilha u dan ghamilha imdejqa hafna.

Andrea Prodan xehdet bil-lingwa Ingliza li kienet tahdem ma' Zorica Stevanovic l-Ajruport fl-Airmode Ltd. Hi kienet sales assistant u ma kinitx ghadha impjegata hemm. Ms. Prodan xehdet illi kienet irceviet istruzzjonijiet dwar l-importanza tal-puntwalita` fuq il-post tax-xoghol. Xehdet li Ms. Stevanovic mhux dejjem kienet tkun puntwali kien hemm istanzni meta kienu xoghol flimkien u kellhom ikunu l-hanut fis-sitta ta' filghodu u hi gieli giet fis-sebgha u anke fit-tmienja pero` din ma kinitx tigri b'mod regolari, forsi grat darbtejn, jew tlieta jew erba' darbiet. Ms. Prodan xehdet li kienet hemm fil-lejl li sar ir-*replenishment.* Xehdet li ma setghux jikkunsmaw alkohol fil-hanut u li dak il-lejl hi kienet xtrat tazza alkohol ghal Ms. Stevanvovic. Giet murija d-djarju tal-*handover* u spjegat kif dakinhar hi kienet marret tistaqsi lill-haddiema jekk iridux xi haga x'jixorbu u Ms. Stevanovic kienet fuq it-telefon allura hi kitbitila *'Something to drink?'* u hi kitbet lura *'Yes, Bacardi Coke'*. Ms. Prodan xtrat il-Bacardi Coke u tathulha u ratha tixorbu. Xehdet ukoll li Zorica gieli nizzlet sale li kienet tkun ghamlet hi fuq isimha biex tiehu l-commission hi. Dak inhar tar-replenishment Ms. Stevanvovic kienet gaghlithom jaghmluh mill-bidu minhabba li l-ewwel tathom struzzjonijiet mod imbaghad ftakret li kellu jsir mod iehor.

Xehdet Stephania Farrugia li kienet HR Executive mal-kumpannija dak iz-zmien li kienet involuta fl-ahhar laqgha ma' Ms. Stevanvovic fl-24 ta' Lulju 2009. Kien baghat ghalihom Mr. Spiteri Paris minhabba problemi li kellu ma' Ms. Stevanovic dwar problemi li din kellha mal-haddiema, dwar

*performance* taghha u li kienet qed tidhol tard. Il-laqgha ta' dak inhar kellha ssir fid-disgha ta' filghodu u hi kienet infurmata dwar din il-laqgha s-Sibt ta' qabel. Il-Gimgha kien hemm laqgha interna fejn iddiskutew is-sitwazzjoni u ddecidew li ser ikellmu lil Ms. Stevanovic it-Tnejn ta' wara. Ms. Farrugia kienet zammet minuti ta' din il-laqgha. Dak it-tmien tal-gimgha kien hemm sale fil-hanut li Ms. Stevanovic kienet responsabbli li tikkoordina. It-Tnejn kienet giet infurmata li kien hemm xi problemi waqt dan is-sale li s-soltu jdum xi tlett sighat u din id-darba ha hafna iktar hin. Hi xehdet li taf li Michelle Farrugia kellha tmur tissostitwiha u li qabduha tixrob l-alkohol fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk iktar xtaqu jiltaqghu maghha t-Tnejn. Dak inhar Ms. Stevanovic marret ghal laqgha fl-ghaxra. Ms. Farrugia cemplitilha fid-disgha u ghaxra u qaltilha li baqghet rieqda ghax l-arja kkundizzjonata ma hadmitx sewwa u ma setghetx torqod u ghalhekk baqghet rieqda. Ms. Farrugia xehdet li f'din il-laqgha Ms. Stevanovic kienet qaltilha li kellha problema biex tqum kmieni u ghalhekk kienet qalet lil Nick sabiex ma jdahhalhiex xift ta' filghodu ghax zgur kienet tmur tard. Dwar ix-xorb alkoholiku fuq il-post tax-xoghol, Ms. Farrugia xehdet li Ms. Stevanovic ma kinitx cahdet li kienet xorbot u kienet qalet li kien xift *'hectic'* u ghalhekk kellha bzonn tiehu *'drink'*. Ms. Farrugia kienet zammet minuti ta' din il-laqgha, liema minuti gew esebiti, u minn dawn il-minuti rrizultaw li Ms. Stevanovic qaltilhom li kienet imdejqa tahdem mal-French Connection u xtaqet li tigi trasferita mal-Jet Set, hanut iehor fl-Airmode. Huma kienu qalulha li mhux possibli ghax il-kuntratt hi kienet iffirmatu mal-French Connection u dan kien gie diskuss anke qabel iffirmat il-kuntratt. Wara din id-diskussjoni huma tawha l-ittra ta' rizenja. Ghall-kumpannija li tixrob l-alkohol fuq il-post tax-xoghol hija xi haga li hija projbita anke minhabba l-fatt li l-hanut qieghed fiz-zona tat-tluq fl-ajruport. Qabel jigu mpjegati l-haddiema jattendu kors li jissejjah l-OMAS kors fejn jitharrgu fil-proceduri tas-sahha u sigurta`, dixxiplina ecc. Dan il-kors huwa kkordinat mill-ajruport u f'dan il-kors jghidulhom li konsum ta' alcohol fuq il-post tax-xoghol huwa strettament projbit. Ms. Farrugia xehdet li Ms. Stevanovic kienet inghatat twissija xi gimghat jew granet qabel minhabba l-fatt li kienet marret siegha tard ghax-xoghol u taf ukoll li kienet inghatat xi twissija ohra qabel.

Michelle Farrugia, Managing Director tal-kumpannija xehdet li kienet hi li kienet impjegat lil Zorica Stevanovic f'Jannar 2008 bhala *sales assistant* fil-hanut tal-French Connection f'Bay Street. Hi ghamlet sena Bay Street u fi Frar iddecidew li jifthu branch fl-ajruport u Ms. Stevanovic giet trasferita ghal go dak il-hanut bhala *shop supervisor*. Bhala *shop supervisor* hi kienet responsabbli tal-hanut, li tara li l-hanut jinfetah u jinghalaq kif suppost. Il-hanut kellu jinfetah fis-sitta ta' filghodu, l-impjegati dejjem kellhom ikunu hemm hmistax-il minuta qabel il-ftuh tal-hanut biex jaraw li l-istokk qieghed tajjeb, il-float qeghda tajba u biex jippreparaw minn qabel ghall-klijenti. Il-hinijiet ta'ftuh huma rregolati mill-ajruport u jekk ma jifthux fil-hhin jistghu jehlu penali. Ms. Stevanovic kellha ukoll ir-rwol li tharreg lill-haddiema godda anke f'merchandising u tara li l-proceduri tal-VF Group u tal-ajruport jitmexxew kif suppost. Dwar merchandising ix-xhud spjegat li kellhom manager li taghmel supervizjoni fuq dawn l-affarijiet pero` r-responsabbilta` ahharija kienet tax-shop manager, f'dan il-kaz Ms. Stevanovic. Ir-responsabbilta` ta' Ms. Stevanovic bhala shop manager kienet li tara li l-hanut jilhaq it-targets, sales u duties in generali. Il-problemi ma' Ms. Stevanovic bdew minn xi Gunju jew Lulju meta sabu xi €10 neqsin mill-float. Hemmhekk kellhom jaghtuha l-ewwel warning ghax il-cash ma tistax tintmess u hi ma tistax taghti ezempju hazin lill-haddiema l-ohra. Apparti minn hekk kellha hafna problem ta' hinijiet ghax kienet tmur siegha jew siegha u nofs tard. Il-haddiema l-ohra lanqas kienu jkunu jistghu jidhlu minhabba li hi kien ikollha c-cwievet. Ms. Farrugia xehdet li Ms. Stevanovic inghatat warning fil-11 ta' Lulju ghax kienet marret tlett kwarti tard u iehor fl-14 ta' Lulju fejn marret kwazi siegha tard. Fit-13 ta' Lulju inghatat warning ghax kienet isselfet il-flus mill-cash u l-kumpannija ghandha images li inghataw mill-awtorita` fl-ajruport fejn hi tidher tiftah il-hanut bil-hin x'hin waslet. Mistoqsija x'wassal sabiex itterminawha, Ms.

Farrugia qalet li l-haddiema kienu jgergru hafna li ma taghtix ezempju tajjeb imbaghad kien hemm ukoll l-incident tal-24 ta' Lulju fejn kienu qed jippreparaw ghal sale u kienu ghamlu roll over, jigifieri hadmu filghaxija wara li jaghlqu l-hanut u hi mill-ufficcju tohrog lista ta' x'hemm bis-sale, b'liema persentaggi l-hwejjeg ghandhom ikunu u d-dehra ta' kif jitpoggew fil-hanut. Qabel isir dan is-sale saret laqgha mal-Manager tal-Visual Merchandising, ix-xhud u Ms. Stevanovic fejn ftehmu dwar il-pjanta tal-hanut fejn ser jitpoggew tat-30%, tal-50% ecc. L-ghada Nick Spiteri Paris cempel lix-xhud fejn qalilha li x-xoghol ma kienx sar kif suppost, li l-impjegati hargu fil-hamsa ta' filghodu u talabha tmur ticcekja hi. L-ezercizzju sar bejn il-Gimgha ghas-Sibt u hi ftehmet mal-Visual Merchandising Manager sabiex imorru jiccekjaw l-ghada l-Hadd. Is-Sur Spiteri Paris informa ukoll lix-xhud li l-ajruport qalulu li Ms. Stevanovic kienet xorbot l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol, xi haga li hija kontra l-ligi tal-ajruport. Mistoqsija dwar il-ligijiet tal-ajruport ix-xhud qalet li l-impjegati ghandhom booklet, kif ukoll hemm klawsola fil-kuntratt taghhom li jekk jikkunsmaw alcohol jew droga jigu tterminati. Ix-xhud ipprezentat booklet li huwa l-Airport Service Standards and Procedures, li gie ppublikat f'Jannar 2006. Ix-xhud qalet li lill-haddiema kienu jghidulhom x'fih dan il-booklet u kulhadd kien jiffirma mal-kuntratt il-policies and procedures u l-manual. Rigward il-kaz tas-sales, hi u Marilyn, il-Visual Merchandising Manager marru l-Hadd. Ix-xhud qalet li ezercizzju li kellu jdum saghtejn, tlieta massimu dam seba' sieghat meta ghamlitu r-rikorrenti. Meta marru hemm raw li xejn ma sar kif suppost, kien hemm affarijiet li mhux suppost kienu bis-sale u kienu bis-sale u l-affarijiet ma tqassmux kif kienu ftehmu. Marilyn qaltilha ukoll li r-rikorrenti ghamlet lejl iccemplilha waqt li hi, Marilyn, kienet qed taghmel l-istess ezercizzju gol-hanut ta' Bay Street. Ix-xhud qalet li dan ma kienx l-ewwel sale li r-rikorrenti kienet ghamlet u kienet ghamlitu darbtejn ohra Bay Street. Ix-xhud qalet li bdew jirrangaw il-hanut, kellhom jibdew mill-gdid u lestew f'saghtejn. Huma kienu hallsu l-overtime ta' hames impjegati ghalxejn. Hi imbaghad cemplet lir-rikorrenti u ftehmu biex jiltqaghu l-ghada fid-disgha. L-ghada, t-Tnejn, marru x-xhud, Stephania Farrugia u Nick Spiteri Paris biex jiltaqghu ma' Ms. Stevanovic. Il-laqgha kienet fid-disgha pero` kellhom icemplulha biex tmur. Fid-9.10 Stephanie Farrugia cemplitilha u wara xi siegha marret. Ix-xhud qalet li hi staqsietha jekk hux vera li xorbot u hi qaltilha *'yes I had a drink and two'*. Ir-rikorrenti insistiet li sabu l-hwejjeg kif sabu mhux ghax xorbot pero` ma tat l-ebda raguni ghalfejn is-sale ma sarx kif suppost. Ix-xhud qalet li staqsietha x'kien qed jigri, qaltilha li qed tasal tard hafna x-xoghol u li bhala shop manager trid taghti ezempju. Ms. Stevanovic qalet li hi ghandha problema biex tqum kmieni filghodu u li kienet talbithom biex ma jdahhluhiex filghodu. Ix-xhud qalet li ma tistax tara lil min ser iddahhal filghodu jew filghaxija u huma jaghmlu roster sabiex l-impjegati jigu kollha trattati l-istess. Ir-rikorrenti qaltilhom ukoll li mhix kuntenta l-ajruport ghax trid toqghod il-hin kollu bilwieqfa. Ix-xhud qalet li dejjem hekk kienet tahdem, il-hin kollu bilwieqfa anke Bay Street. Ix-xhud qalet li lir-rikorrenti qaltilha li mhix fit ghal dik il-pozizzjoni ghax ma jistax ikollha lil xi hadd li suppost qed jaghti ezempju u jaghmel kollox bil-kontra. Dak il-hin ir-rikorrenti accettat, irringrazjat lilha u lil Nick tal-opportunita` li tawha u qaltilhom li huma ma fehmux l-atteggjament taghha pero` kienet kuntenta b'dik id-decizjoni ghax ma kinitx kuntenta hemmhekk. Ix-xhud ipprezentat ukoll affidavit ta' Marilyn Chircop li kienet impjegata mal-VF Group of Companies bejn l-2001 u 2010 bhala *shop manager/visual merchandising*. Fl-affidavit kkonfermat x'qalet ix-xhud fil-kwistjoni tas-sale.

Fix-xhieda taghha r-rikorrenti spjegat x'kien gara meta sabu €10 nieqsa. Qalet li kien il-Hadd u ma kelliex flus fuqha u ghalhekk hadet il-flus mill-cash, kitbet karta 'Zorica €10' u hallietha fil-cash register. Qalet li din xi haga li t-tfajliet ta' Bay Street kollha jaghmluha. Mistoqsija ghaliex ma hallietx cekk ir-rikorrenti spjegat li ma kelliex cekk book maghha u lanqas flus kontanti u ghalhekk kienet hadithom. Hi spjegat li hi kienet responsabbli mill-float u anke li kieku kienet tkun short xorta hi kien ikollha taghmel

tajjeb ghalihom. Ir-rikorrenti qalet li kienet qalghet warning minhabba dan l-incident avolja halliet nota li hadet il-flus u mill-ewwel qalet li hadet il-flus. Dwar meta waslet tard fit-13 ta' Lulju hi spjegat li l-manigment kien iddecieda li ma jkomplix ihaddem is-sistema ta' day in day off u li kien ser ikollhom sighat tax-xoghol mis-sitta sal-hdax jew nofs il-lejl, ghalhekk kien hemm hafna tfajliet iddecidew li ma jistghux ikomplu jahdmu hemm ghax ma kellhomx trasport. Hi pero` kellha karozza antika hafna li kienet ittiha hafna problemi. Ir-rikorrenti qalet li l-general manager qalilhom li jibdew mis-sebgha sal-hdax u mis-sitta jibda min jahdem part time u hija ghazla taghmilx mis-sitta sas-sebgha. Hi ma kinitx qablet ghal dak il-part time pero` ma tat xejn bil-miktub. Mistoqsija taghti kjarifika x-xhud spjegat li mis-sitta sas-sebgha kienu jithallsu overtime pero` jibdew fis-sebgha. Ix-xhud qalet li veru li kienet tasal tard xi hames jew ghaxar minuti ghax il-karozza taghha ma kinitx affidabbli. Meta waslet hamsin minuta tard kien minhaba li l-karozza taghha ma kinitx hadmet. Dwar il-laqgha fejn hi marret tard, ix-xhud spjegat li dan ma kienx waqt il-hin normali taghha tax-xoghol u kienet giet infurmata dwar din il-laqgha l-gurnata ta' qabel. Ix-xhud spjegat li veru qaltilhom li ma setghetx torqod minhabba s-shana, spjegat ukoll li kellha hafna affarijiet fuq mohhha u ma setghetx torqod u ghalhekk baqghet rieqda. Kienet iddispjacuta hafna dwar kif Michelle Vassallo trattatha s-Sibt u kif kienet kellmitha quddiem kulhadd. Skont ir-rikorrenti l-kumpannija kienet diga` hadet id-decizjoni meta waslet hi, forsi anke minhabba l-fatt illi hija waslet siegha tard. Hi ma stennietx li ser jigri hekk u hasbet li forsi ser joffrulha pozizzjoni ohra per ezempju fil-manigment fejn ma tidholx fir-roster. Hi qalet li kienu diga` ddecidew li ser ikeccuha ghax x'hin waslet tawha l-ittra ta' terminazzjoni. Ir-rikorrenti qalet li missier Michelle Farrugia, Vincent Farrugia kien jirrispettaha hafna u fil-fatt kien hallsilha kors tal-manigment fl-ewwel sena ta' impjieg taghha. Hi kellha offerta hafna ahjar pero` m'accettatx ghax hasbet li kienet rispettata. Ir-rikorrenti qalet li fl-ajruport ma kinux jifhmu fil-kollezzjoni u fl-istandards. Semmiet lill-General Manager, Nicholas u qalet li kien izzewweg u mar ghall-holidays u hassitha uzata ghax meta gie lura hadilha r-responsabbiltajiet kollha taghha u poggiha gol-hanut. Li kieku kienet taf li ser tahdem f'hanut b'sighat twal hekk ma kinitx tiffirmah il-kuntratt. Ir-rikorrenti qalet li waqt il-laqgha qatt ma saqsewha ghalfejn waslet tard jew ghalfejn xorbot l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol. Dak inhar tas-sale ir-rikorrenti qalet li suppost kienet off u kienet hallset biex tmur Ghawdex. Hi ppruvat issib lil xi hadd biex jidhol minflokha pero` xorta cemplulha u kellha titlaq minn Ghawdex biex tmur xoghol. Dak inhar marret siegha qabel u meta wahda mit-tfajliet offritilha drink hi hadet Bacardi Coke. Dak il-hin ma kinitx xoghol, veru li kienet fuq il-post tax-xoghol pero` ma kienx waqt il-hin tax-xoghol taghha. Ix-xhud qalet li gieli hadet drinks mad-diretturi fil-break taghha u hadd ma qalilha li ma tistax tiehu drink. Ir-rikorrenti qalet li hi ma tistax tixrob ghax kellha accident kbir fl-1991. Mistoqsija jekk kinitx inghatat informazzjoni dwar x'ser jigi diskuss fil-laqgha, r-rikorrenti qalet li ma kienet taf xejn anzi kienet qalet lil Nicholas li ghandha laqgha ma' Michelle ghax kienet imdejqa hafna. Ix-xhud qalet li minhabba kif kienet agixxiet Michelle Vassallo s-Sibt kellha suspett ta' x'ser jigri pero` qatt ma mmaginat li ser tkecciha. Din il-laqgha kienet pjuttost qasira ta' xi kwarta jew ghoxrin minuta. Mistoqsija dwar xhieda li inghatat minn xhud iehor li allegat li r-rikorrenti kienet tuza l-card ta' haddiehor, ir-rikorrenti qalet li dik kienet il-persuna li kienet tikkawzalha hafna problemi u kienet hi li haditilha l-Bacardi Coke. Dwar il-commission ir-rikorrenti qalet li bhala supervisor xoghlha kien li l-hanut jilhaq it-targets tieghu. Hi kienet tippancja fuq il-cards tat-tfajliet u fil-fatt it-targets taghha personalment kienu qeghdin jaqghu lura pero qatt hadd ma kellimha dwar il-fatt li kienet tippancja fuq il-cards tat-tfajliet l-ohra. Dwar is-sales ir-rikorrenti qalet li Marilyn Chircop suppost ghamlithom ghax hi kienet il-merchandiser. Hi ammettiet li Ms. Chircop kienet tatha istruzzjonijiet dwar kif ghandha taghmel is-sales. Ir-rikorrenti qalet li hasset li x-xoghol tas-sales ma kienx tlesta u hi ma kinitx kuntenta. Semmiet lil Adrian, habib ta' Nicholas, li kien il-manager tas-Samsonite, li kien hemm ukoll u qalet li hadha bil-mod u minhabba fih il-process kien bil-mod. Mistoqsija dwar l-allegat problemi li kellha mal-haddiema l-ohra, r-rikorrenti wiegbek li qatt ma kellha hlief mal-managir Marilyn Chircop.

Qalet li hi kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn xtaqet titlaq ghax kienet aggressiva. Haddiema ohra li ma kinitx tmur tajjeb maghha kienet dik li semmiet li haditilha l-Bacardi Coke. In kontro ezami r-rikorrenti kkonfermat li kienet tard b'siegha darba biss u drabi ohra kienet tkun tard biss bi ftit minuti. Murija dokumenti li juru li fi tlett dati kienet tard b'sebgha u tletin minuta, bi tmienja u erbghin minuta u b'siegha u zewg minuti, r-rikorrenti qalet li f'dawk l-istanti ma kinitx tard ghax hi fis-sebgha kienet tibda xoghol ghax ma kinitx accettat li taghmel siegha overtime. Ir-rikorrenti qablet li c-cwievet tal-hanut kienu jkunu f'idejha u kienet hi responsabbli li tiftah il-hanut u qablet ukoll li f'certu drabi kienet hija li fethet il-hanut fis-sitta fuq istruzzjonijiet ta'Adrian. Mistoqsija jekk kinitx tiddeciedi arbitrajament fi x'hin tibda xoghol ir-rikorrenti cahdet u baqghet tinsisti li hi qatt m'accettat li tahdem fis-sitta ghax r-roster mhux hi kienet taghmilha. Ir-rikorrenti allegat li l-manigment kien qed jikser il-ligi fil-konfront taghha. Hi rrankontat x'gara mill-bidu fejn qalet li Melanie Chircop li kienet maniger f'Bay Street kienet l-akbar habiba ta' Michelle Farrugia Vassallo. Hi kienet tmur tajjeb maghha sakemm lahqet it-top salesgirl target u hadet rigal ghal dan. Minn hemm Ms. Chircop ma baqghetx tmur tajjeb maghha u lanqas mat-tfajliet l-ohra pero` r-rikorrenti ppruvat ma tidholx fiha. Fil-festin tal-Milied Ms. Chircop xorbot u hebbet ghaliha u qattghatilha l-gakketta u anke ghandha certifikat ta' tabib li huwa prova ta' dan. Wara li gara dan ir-rikorrenti riedet titlaq u sa anke tat l-ittra ta' rizenja pero` s-Sur Vincent Farrugia ma ridiex titlaq. Fil-frattemp hija kienet iffirmat kuntratt ma' Tommy Hilfiger u kienet qed tistennihom jifthu l-hanut taghhom tal-Belt Valletta, b'paga u hinijiet ahjar pero` s-Sur Farrugia baqa' jinsisti biex hi ma titlaqx. U kien hemm li imbaghad imxiet minn Bay Street ghall-ajruport. Ir-rikorrenti qalet li kienet kuntenta tmur ghal xoghol inqas imhallsa pero` fejn ituha kompjuter, taghmel ir-roster u tkun mal-haddiema. Fl-ahhar tlett xhur hi qalet li tharrget, baqghet bil-lejl, ghamlet l-istandards u l-hanut imbaghad irritorna Nicholas u hadulha kollox u dan kollu kien montatura biex jehilsu minnha. Dwar l-ewwel warning ir-rikorrenti qalet li hi hadet il-flus il-Hadd u rciviet il-warning it-Tlieta u poggiet il-flus posthom it-Tnejn. Mistoqsija dwar il-laqgha, r-rikorrenti qalet li kellha idea dwar xiex kienet u qalet li kienet qablet dwar il-hin tal-laqgha. Hi qalet li ma kinitx taf li qed jittiehdu minuti.

Ir-rikorrenti allegat li l-warnings inhargu fi zmien gimgha u kienet ovvja li riedu jehilsu minnha. F'temp ta' gimgha tawha zewg warnings, wiehed dwar it-€10 u iehor minhabba li waslet tard darbtejn. Ir-rikorrenti qalet li qatt hadd ma kellimha dwar it-tgergir li semmiet Ms. Farrugia u mhux veru li kellha problemi mal-haddiema l-ohra, hlief ma' wahda li kienet habiba ta' Marilyn Chircop. Dwar dak inhar tas-sales ir-rikorrenti qalet li s-soltu dejjem kien ikun hemm merchandiser maghhom taghmel is-sales pero` dakinhar ma kienx hemm u ghalhekk ghamlet lejl fuq it-telefon ma' Marilyn Chircop u waqghu lura minhabba Adrian li kien kollega ta' Nick Spiteri. Hi ammettiet li hadet Bacardi Coke pero` mhux waqt il-hin tax-xoghol taghha. Hi ammettiet li x-xoghol ma sarx sewwa pero` ma thallewx ilestu ghax Adrian qalilha li trid taghlaq ghax il-haddiema kienu ghajjiena. Ir-rikorrenti insistiet li kollox kien montatura biex jehilsu minnha ghax qabel ma dahal haddiehor fix-xena ma kienx hemm ilmenti dwarha.

In kontro ezami r-rikorrenti xehdet li kienet ilha tahdem mal-kumpannija ftit aktar minn sena u l-ewwel bdiet f'Bay Street bhala fashion adviser fejn kienet tghin lill-klijenti jaghmlu l-ghazliet taghhom. Wara hija kienet inghatat l-ghazla li tmur tahdem l-ajruport u ffirmat kuntratt gdid b'job description gdida, dik ta' supervisor. Ir-rikorrenti qalet li kien hemm ftehim li hija ma tkunx fir-roster. Taht ir-responsabbilta` taghha hija kellha xi erbgha jew hames  haddiema li kienu jahdmu bix-xift. Bhala supervisor hija kienet responsabbli li tara li jaghmlu xogholhom sewwa u li tikkoregihom u tirrapporta bil-miktub ghand id-Direttur. Ir-rikorrenti kkonfermat li kien xoghlha li tghid lill-haddiema li jekk xi hadd ikun tard tigbidlu l-

attenzjoni biex ikun hemm fil-hin. Ir-rikorrenti kkonfermat li ingahtat istruzzjonijiet mill-ajruport li m'ghandux jigi kkunsmat xorb alkoholiku fil-hwienet fl-ajruport waqt li tkun xoghol. Dawn l-istruzzjonijiet inghataw lilha waqt it-tahrig li inghatat. Bhala supervisor kien ukoll xogholha li jekk tara lil xi hadd jikkonsma l-alkohol fil-post tax-xoghol hija tigbidlu l-attenzjoni li dan m'ghandux isir. Ir-rikorrenti ukoll ikkonfermat illi mhux suppost jiehdu flus mill-cash pero` kienet xi haga li ssir. Dawn l-istruzzjonijiet pero` qatt ma inghataw bil-miktub. Mistoqsija dwar il-fatt li kienet tmur tard ir-rikorrenti baqghet tinsisti li hi ma kinitx tmur tard ghax suppost hi kienet tibda fis-sebgha. Ir-rikorrenti qalet li Nick Spiteri Paris ma kienx min ihaddimha pero` dik kienet Michelle Farrugia mill-MCUK Limited. Kien Nick Spiteri Paris li kien qalilha tiftah fis-sitta u dawn l-istruzzjonijiet qatt ma gew minghand Michelle Farrugia. Ir-rikorrenti kkonfermat li kienet taf li MCUK Limited u Salvo Grima Group of Companies kellhom joint venture fejn fethu numru ta' hwienet fl-ajruport fosthom il-hanut fejn kienet tahdem hi. Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll li kienet taf li s-Sur Spiteri Paris kien impjegat ta' Salvo Grima bhala General Manager inkarigat mill-hwienet kollha fl-ajruport. Ir-rikorrenti qalet li kienet tiehu struzzjonijiet minghand is-Sur Spiteri Paris. Hi ma ftahrikx kemm-il darba fethet il-hanut hi pero` kkonfermat li fethitu xi ghoxrin jew tletin darba u dawk id-drabi hi fethitu fis-sitta. Wara diversi mistoqsijiet ir-rikorrenti ammettiet li fir-rigward ta' dawk id-drabi fejn fethet tard kien minhabba li l-karozza taghha ma kinitx qed tahdem pero` xorta ma kelliex tkun hemm fis-sitta ghax hi fis-sebgha kienet tibda xoghol. Fir-rigward tat-tehid tal-flus mill-cash ir-rikorrenti ammettiet li kieku kellha tuza s-sens komun bhala supervisor li trid taghti ezempju lill-haddiema l-ohra ma messiex hadithom. Dwar l-incident tal-konsum tal-alkohol ir-rikorrenti insistiet li ma kkunsmatx alcohol waqt il-hin tax-xoghol ghax hi mhux suppost kienet xoghol dak il-hin u dahlet biss ghax insistew li tidhol. Dak inhar hi suppost bdiet xoghol xi tmienja u nofs jew id-disgha ta' filghaxija. Id-drink gie kkunsmat fil-kafetterija fejn tista' tpejjep qabel il-hin tax-xoghol taghha. Ir-rikorrenti qalet li mhux drink wiehed kellha bzonn dak il-lejl imma ghaxra u li gieli hadet tazza inbid fil-break. Hi qalet li d-diretturi taghha misshom qalulha li ma tistax taccetta tazza inbid imma tista' tiehu soft drink u argumentat li kien ok li tiehu tazza inbid fil-break imma ma setghetx tiehu xorb alkoholiku qabel bdiet xoghol. Ir-rikorrenti kkonfermat li kien hemm Andrea Prodan xoghol dakinhar, li kienet wahda mill-haddiema taht is-supervizjoni taghha. Dwar l-ahhar laqgha li sehhet bejn Nick Spiteri Paris, Michelle Farrugia, is-segretarja u hi, r-rikorrenti qalet li l-laqgha kienet skedata ghad-disgha jew l-ghaxra izda hi kienet tard xi seigha jew saghtejn ghal din il-laqgha. Ir-rikorrenti baqghet tinsisti li l-kumpannija kisret il-kuntratt tal-impjieg taghha fejn jidhlu sighat tax-xoghol u xiftijiet. Kienet imdejqa ghax hi qatt ma kellha tkun salesgirl u tidhol fir-roster imma xogholha biss kien li taghmel ir-roster u tassigura li l-istandards tal-MCUK jinzammu. Il-kumpannija kienu wehduha li jibqghu ihallsuha l-commission li kienet tiehu Bay Street anke jekk ma tilhaqiex u li hi setghet tkun flessibli fil-hinijiet.

**SINTESI TAT-TRATTAZZJONI**

Dr. Massimo Vella ghall-kumpannija ssottometta li r-rikorrenti kienet orignarjament tahdem go hanut Bay Street, il-kumpannija ratha tajba u b'kunsens maghha caqilquha u ffirmat kuntratt gdid ghaliex kienet hadet promotion ghal maniger. Wara li ccaqilqet l-ajruport, b'ammissjoni taghha stess qamet problema logistika li l-kuncett ta' hin sparixxa b'rizultat li kienet tasal fuq il-post tax-xoghol b'mod persistent tard. Sahansitra gieli waslet tard b'rizultat li l-hanut baqa' maghluq b'loss of business. Dan kien ukoll ta' ezempju hazing ghall-haddiema l-ohra li suppost kienet tiehu hsieb u timmanigja r-rikorrenti. Dan kien evidenti ukoll meta ghal laqgha li wasslet ghat-tkeccija taghha hija waslet tard b'siegha. Apparti l-kwistjoni tal-hin kien hemm kwistjonijiet ohra, fosthom li kontra kull regola tal-ajruport hija kkunsmat

alkohol fil-post. Dan seta' anke jwassal sabiex il-kumpannija tigi fl-inkwiet mal-ajruport u tigi rtirata l-*concession.* Incident iehor li wassal sabiex jinhareg warning kien il-kwistjoni tal-cash fejn kontra istruzzjonijiet cari li l-*cash* ma jistax jintmess ir-rikorrenti hadet xi flus mill-*cash* u halliet nota. Dan ukoll ta ezempju hazin lill-haddiema taghha. Apparti minn hekk xoghol li suppost kellha taghmel hi ghamlitu b'mod hazin li kellhom jidhlu s-superjuri taghha jirrangawh. Wara dan kollox r-rikorrenti giet itterminata u skont il-kumpannija dan sar ghal raguni valida fil-ligi.

Dr. Borg Cardona ghar-rikorrenti ssottometta illi filwaqt li jifhem li l-kumpannija riedet li l-affarijiet ikunu perfetti l-hin kollu, fid-dinja ta' veru dan mhux dejjem possibli specjalment f'post tax-xoghol bhal ma hu l-ajruport. Dwar il-konsum tal-alkohol r-rikorrenti ddiskriviet okkazjoni fejn kien id-direttur stess li offra *drink* u qatt ma gie allegat li hi kienet fuq il-post tax-xoghol fis-sakra. Dr. Borg Cardona ssottometta illi ghal kull wiehed mill-incidenti msemmija mill-kumpannija kien hemm spjegazzjoni. Ir-rikorrenti qatt ma kellha intenzjonijiet hziena anke meta hadet il-flus mill-*cash*. Il-kumpannija forsi setghet uriet iktar komprensjoni u ftit aktar pacenzja mar-rikorrenti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti allegat li l-hrug ta' twissijiet kienu biss montatura sabiex il-kumpannija tehles minnha. Jekk wiehed jara t-twissijiet li inghataw huwa minnu illi dawn inghataw f'perjodu pjuttost qasir u cjoe` dak ta' hmistax pero` huwa minnu ukoll li jekk wiehed jifli x'wassal ghal dawn it-twissijiet, wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni li kienu ragunijiet suffecjentement gravi. Huwa difficli li l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-kumpannija riedet tehles minnha titqies bhala wahda kredibbli specjalment meta wiehed iqis l-istorja li r-rikorrenti kellha mal-kumpannija, li din bdiet bhala salesgirl, hallsulha kors ta' studju, tawha promotion u afdaw hanut f'idejha. Skont ix-xhieda u dokumenti prodotti mill-kumpannija, r-rikorrenti inghatat diversi twissijiet verbali sabiex tbiddel l-attitudni taghha u dan kollu qabel inharget l-ewwel twissija bil-miktub.

Dwar din l-ewwel twissija bil-miktub it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrenti ma haditx il-flus b'ingann u ghamlet dan b'innocenza u nuqqas ta' responsabblita` pero`, haga li ammettiet ir-rikorrenti stess, mhux suppost ghamlitha specjalment fil-pozizzjoni taghha fejn hija mistennija taghti ezempju lit-tfajliet l-ohra. Ir-rikorrenti ammettiet ukoll li kienet taf li hija procedura tal-kumpannija li xi haga hekk mhux suppost issir.

Rigward it-tieni twissija bil-miktub, li nharget l-ghada tal-ewwel wahda, din kienet tirrigwardja zewg istanzi ta' meta hija waslet tard b'rizultat li l-hanut infetah tard. Li impjegat jiftah il-hanut tard b'hin sostanzjali jista' jirrizulta f'telf ta' qliegh ghall-kumpannija, specjalment meta wiehed iqis li l-hin ta' bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghodu huwa hin fejn ikun hemm diversi titjiriet fl-ajruport ghaldaqstant huwa hin fejn potenzjalment isir kummerc. Il-kumpannija setghet facilment harget zewg twissijiet, wahda ghal kull darba li waslet tard u li kieku riedet tehles minnha setghet tuza dawn l-istanzi sabiex tasal ghat-tieni u t-tielet twissija. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti fejn huwa stipulat illi *'Opening and Closing of Shop. Staff should be prepared to be on the Shop Floor at least 15 minutes*

*before Shop opening time.'* Il-kumpannija ma haditx passi formali kontra r-rikorrenti meta hija kienet tasal tard b'ghaxar minuti jew kwarta, xi haga li r-rikorrenti tammetti kienet tigri ta' spiss, avolja huwa car mill-kuntratt taghha illi hija kienet mistennija tkun fuq il-post tax-xoghol taghha sahansitra hmistax-il minuta qabel ma jiftah il-hanut. Ir-rikorrenti allegat li mhuwiex minnu li suppost kellha tiftah il-hanut fis-sitta ta' filghodu pero` hija stramba li fix-xhieda taghha hija qalet li fethet il-hanut xi ghoxrin jew tletin darba fis-sitta u dawk id-drabi fejn fethet tard qalet li ma kinitx responsabbli li tiftah fis-sitta.

Minflok il-kumpannija ghazlet li taghtiha cans iehor, pero` ir-rikorrenti uriet kemm kienet irresponsabbli meta waslet tard ghal-laqgha importanti li talbu maghha z-zewg manigers taghha. Skont il-minuti ipprezentati mill-kumpannija f'laqgha interna li saret bejn il-manigers mhuwiex minnu li huma kienu diga decizi li ser ikeccuha anzi xtaqu jkellmuha sabiex jifhmu ezatt x'inhu jigri u ghalfejn biddlet daqshekk l-attitudni taghha lejn ix-xoghol. Kien biss bejn il-Gimgha u t-Tnejn fejn sehhew diversi incidenti ohra u cjoe` l-problema tas-sale u l-konsum tal-alkohol fuq il-post tax-xoghol li l-affarijiet iggravaw. Il-fatt illi r-rikorrenti waslet tard ghal din il-laqgha li hi stess ammettiet li xtaqet u hasset li kienet important li juri fic-car l-attitudni tar-rikorrenti lejn ix-xoghol taghha, attitudni li kienet ghall-ahhar irresponsabbli. Dawn l-incidenti kienu li wasslu sabiex il-kumpannija tkecci lir-rikorrenti.

L-Employment Appeals Tribunal fl-Ingilterra fil-kaz *Plasticers Ltd. v. Harold Amos* jaghti tifsira ta' 'twissija' fejn jghid li twissija *'is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described in a case like this, as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful'.* Jekk wiehed iqis li t-twissijiet hargu fit-13 u fl-14 ta' Lulju bl-ahhar gurnata tax-xoghol tar-rikorrenti tkun is-26 ta' Lulju wiehed jista' jikkunsidra li inghatat kwazi gimghatejn cans sabiex hija tirranga l-attitudni taghha. Minflok din trangat kompliet tagixxi b'mod li juri nuqqas ta' responsabbilta`, liema agir irresponsabbli lahaq l-apice tieghu meta hija waslet kwazi siegha tard ghal laqgha mal-manigment fejn kellu jigi diskuss l-attegjament taghha.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni f'*Polkey v. A.E. Dayton Services Limited* fejn il-*House of Lords* Inglizi ghamlu referenza ghar-*reasonableness* tad-decizjoni li jkun ha min ihaddem. Fil-kaz ta' Polkey il-Qorti Ingliza ddiskutiet il-procedura li tkun giet addottata meta tkecca l-impjegat, fejn qalet li li kieku min ihaddem addotta l-procedura korretta kien xorta jasal ghat-tkeccija, din it-tkeccija xorta tkun ingusta, b'eccezzjoni ghal dan il-principju fejn f'kaz li min ihaddem, tenut kont ta' dak kollu li kien jaf, jasal ghall-konkluzjoni li jkun ghalxejn li jimxi ma' procedura ghax ma twassal ghall-ebda differenza fid-decizjoni ahharija dwar it-tkeccija. It-Tribunal jirreferi ghall-kuntratt tal-impjieg fil-parti li titratta *'Disciplinary and Grievance Procedure'* fejn certu kazijiet huma meqjusa tant serji li jimmeritaw tkeccija sommarja. Ezempju ta' dan huma *'Serious breach of company rules, inability to carry out work as a result of drugs or alcohol'*. Minkejja li skont il-kuntratt il-kumpannija setghet kecciet sommarjament lir-rikorrenti, hija xorta tatha cans sabiex tiddefendi ruhha u ttejjeb il-prestazzjoni taghha fuq il-post tax-xoghol, xi haga li hija ppersistiet li tonqos milli taghmel. Apparti minn hekk it-Tribunal iqis ukoll li r-rikorrenti inghatat l-opportunita` sabiex tiddefendi ruhha, opportunita` li pero` hija ramiet meta ddecidiet li tasal siegha tard ghal dik il-laqgha li tista' titqies daqs li kieku kienet is-smiegh tad-dixxiplina taghha. It-Tribunal jinnota li *charge* formali lir-rikorrenti qatt ma inharget pero` hija kienet giet infurmata verbalment dwar xiex iridu jkellmuha f'din il-laqgha u din fuq ammissjoni taghha stess.

Finalment it-Tribunal jirrimarka li mix-xhieda tar-rikorrenti hareg fic-car li hi donnha ma fehmitx li wara li hadet il-*promotion* bhala maniger jew supervisor ir-rwol taghha kienet differenti minn dik ta' *salesgirl* u dak li forsi kien jghaddi u jaghmlu t-tfajliet fil-hanut ta' Bay Street hi ma setghetx tibqa' taghmlu issa li kienet responsabbli minn haddiema ohra u fuq ammissjoni taghha, trid tkun ta' ezempju ghalihom.

**DECIZJONI**

Wara li ra l-atti kollha tal-kaz it-Tribunal ma jqisx li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet wahda ingusta stante illi l-kumpannija kienet gustifikata illi tkecci lir-rikorrenti minhabba numru ta' nuqqasijiet serji min-naha tal-istess rikorrenti.

**DRITTIJIET**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partiijiet f'dan il-kaz ghal €93.17 kull wiehed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviz Legali Numru 48 tal-1986.

Minhabba n-numru ta' seduti u differimenti mill-partijiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju